**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Gurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

**l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia**

**vs**

**Il-Prim Ministru Joseph Muscat u l-Avukat Generali**

**Protest Gudizzjarju tal-Avukat Peter Caruana Galizia ID 30056M, Matthew Caruana Galizia ID 130886M, Andrew Caruana Galizia ID 384287M u Paul Caruana Galizia ID 8989M**

***Jesponu bir-rispett u jipprotestaw is-segwenti:***

1. Illi in vista tal-izviluppi li sehhew f'dawn l-ahhar jiem fl-investigazzjoni tal-assassinju ta' mart u omm il-protestanti fejn gew arrestati diversi persuni mil-pulizija sabiex jigu interrogati dwar il-konnessjoni taghhom mal-imsemmi assassinju;

2. Illi fost dawk l-arrestati kien hemm ukoll Keith Schembri li sa ftit mumenti biss qabel l-arrest tieghu kien jokkupa l-kariga ta' Chief of Staff tal-Prim'Ministru Joseph Muscat u kien ilu jokkupa din il-kariga ghal diversi snin;

3. Illi din il-kariga poggiet lil Keith Schembri ferm vicin il-Prim'Ministru, u dan mhux biss billi kellu ufficju fl-ufficju tal-Prim'Ministru izda l-istess Prim'Ministru kien jiddependi fuq il-pariri ta' Keith Schembri li hekk kif gie ppubblikat u mhux negat mill-Prim'Ministru l-istess Keith Schembri kien ukoll prezenti ghal laqghat mas-Servizzi tas-Sigurta u seta' ukoll kien konxju ta' informazzjoni ohra li tkun ghaddiet lil Prim'Ministru dwar l-investigazzjoni;

4. Illi persuna akkuzata bil-partecipazzjoni taghha fl-assassinju tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia indikat lil Keith Schembri bhala persuna involuta hekk kif gie rappurtat mil-gurnalisti, kif ukoll gie rappurtat li sahansitra l-istess Schembri f'mumenti dellikati tal-investigazzjoni ghadda notamenti lil dan l-akkuzat;

5. Illi jidher ukoll li fl-investigazzjoni tal-pulizija gie ukoll arrestat il-Ministru Chris Cardona u kif indika huwa stess gie mistoqsi dwar involviment fl-assassinju tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia;

6. Illi f'dan l-ambitu il-Prim'Ministru qieghed jinvolvi ruhu u qieghed ikun involut f'diversi atti fir-rigward tal-investigazzjonijiet li ghadhom ghaddejjin u fir-rigward tal-process tal-gustizzja u jidher li ghazel li jkompli jaghmel dan mil-anqas sa' Jannar 2020;

7. Illi dan kollu jnawwar id-dritt ghal kontinwazzjoni ta' investigazzjoni effettiva fl-assassinju ta' mart u omm il-protestati billi jitfa dell ikrah fuq dawk l-investigazzjonijiet u fuq il-hidma tal-investigaturi u dan jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal hajja kif protett minn artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-ligi ta' Malta permezz ta' Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, il-protestanti, filwaqt li jgibu l-premess ghall-formali konjizzjoni tal-Prim Ministru, jinterpellawh sabiex (1) jiddezisti milli jkollu aktar involviment ta' kwalunkwe xorta fl-investigazzjoni kriminali, fil-proceduri kriminali u fil-process li bih se jingabru l-provi mill-Bord li nhatar sabiex imexxi Inkjesta Pubblika; u (2) li huwa stess inkluz l-agir tieghu jigi mistharreg b'mod immedjat sabiex jigu hekk maghrufa u ppreservati l-provi kollha. Di piu, l-esponenti qeghdin ipoggu lill-Prim Ministru f'dolo, culpa et mora ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez

Avv Therese Comodini Cachia
206, Triq l-iFran, Valletta

Avv Eve Borg Costanzi
56, Melita Street, Valletta

Avv Jason Azzopardi
7, Copicua Road, Paola

Avv Peter Caruana Galizia
56, Melita Street, Valletta

**Notifika;** **L-Avukat Generali, il-Palazz, il-Belt**
**Prim Ministru, Auberge de Castille, Valletta**